KUNSILL LOKALI
**M O S T A**
LOCAL COUNCIL

MINUTI
Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta
Seba LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 67 — Tnejn 29 ta' Ottubru 2018

Il-Kunsilli Lokali Mosta ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq Il-Kostituzzjoni, fis-7:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Keith Cassar – Sindku
James Cassar -Viċi Sindku
Gianluca Busuttil- Kunsillier
Angele Rapa – Kunsillier
Karl Tanti – Kunsillier
Mark Micallef Costa – Kunsillier
Francis Deguara – Kunsillier
Jesmond Gauci-Kunsillier
Daniel Galea - Accountant

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Mario Sammut – Kunsillier
Christian Borg – Kunsillier
Maria Pia Bonnici – Kunsillier

ASSENTI
Rachel Tua – Kunsillier
Joe Gatt-Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Lorraine Templeman – Segretarju Eżekuttiv

Minuti
Is-Sindku Keith Cassar ippresjeda l-laqgħa.

**67.1** Qari tal-ittri ta' apoloġiji

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittri ta' apoloġiji, ta' Christian Borg, Mario Sammut u Maria Pia Bonnici. Il-membri preżenti unanimament aċċettaw l-ittri ta' apoloġiji.

67.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 66

REF: 66.3.1 – Is-Sindku nforma li għadna ma rċevejnhiex risposta mil-Perit tal-Kunsill.

REF: 66.3.3 – Is-Sindku nforma li ltaqa' ma Leon Promotions biex jibdel ftit il-programm, peress li fit-8 ta' Diċembru 2018 ħa jkun hemm kor organizzat mir-Reġjun, u l-unika *weekend* li ħa jkun liberu huwa dak tal-15 u 16 ta' Diċembru. Is-Sindku nforma wkoll li ħa jkellem il-parroċċa biex dan l-avveniment nagħmluħ flimkien.

**REF: 66.4.6** – Is-Sindku nforma li ntalbet biex issir laqgħa ma Transport Malta.

**REF: 66.5.2** – Il-Kunsillier Deguara nforma li l-ħarġa li saret fl-24 ta' Ottubru kienet suċċess, u attendew 48 ruħ.

Il-membri preżenti unanimament approvaw il-minuti tal-laqgħa numru 66.

Fis 7:35pm saret sospensjoni tal-minuti biex jiġu approvati 67.6.4 Quarterly Report Lulju-Settembru 2018.

## 67.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku /Korrispondenza

### 67.3.1 Korrispondenza – Skema GOTO Sharing

Is-Sindku nforma lil membri preżenti bl-iskema l-ġdida GOTO, liema korrispondenza ġiet iċċirkulata mal-membri tal-Kunsill.

Din l-iskema 'iddaħlet mil-Gvern Ċentrali flimkien ma Transport Malta, fejn qed jinżebaw *parking bays* oranġo madwar Malta fejn jistaw jintużaw u jipparkjaw vetturi elettriċi. Fil-Mosta inżebaw 9 żoni bi 18 il-parkeġġ.
Il-Kunsill ġie nfurmat ġurnata qabel id-*deadline* li riedu *feedback* u/jew oġġezzjonijiet mil-Kunsill. L-unika oġġezzjoni li l-Kunsill għamel kien għal-*parking bay* fi Triq Kungress Ewkaristiku peress li l-post pjanat li ssir waħda min dawn il-*parking bays*, kienet se ssir f'post fejn Transport Malta kella tressaq iz-*zebra crossing.*
Is-Sindku stqarr li din hija 'innizjattiva tajba, pero' setgħet kienet aħjar li kieku kien hemm konsultazzjoni mal-Kunsill.

### 67.3.2 Korrispondenza – One Way

Is-Sindku nforma li fi Triq tas-Sriedaq ntalbet biex issir *one-way* li dħul jkun min triq San Pawl tal-Qliegħa. Din konna tkellimna fuqa fiż-żmien l-eks Sindku Edwin Vassallo, pero' reġet tqajmet mis-sidien tal-garaxxijiet, minħabba li saret traffikuża ħafna, bil-konsegwenza li qed jeħel xeba traffiku, u s-sidien tal-garaxxijiet ma jkunux jistaw jaħdmu bil-vetturi u l-makkinarji tax-xogħol tagħhom.
Fiż-żmien meta saret il-konsultazzjoni kien oġġezjona bniedem wieħed. Il-membri preżenti qablu li għandna nmexxu bl-applikazzjoni ma Transport Malta, peress l-kumplament tas-sidien qablu li ssir *one-way.*

### 67.3.3 Korrispondenza – MOU- Maħżen Żokrija

Is-Sindku nforma li nikru 5 garaxxijiet ġewwa ż-żokkrija mil-Housing Authority, u dawn jiswewna ma l-1,600 Ewro kirja kull 6 xhur. Dawn jintużaw bħala *stores,* u fihom jinżamm materjal bħal-tabelli tat-toroq, gazebos etċ, li ħafna minnhom saru antiki u jew mkissrin, li ma jistawx jintremew.
Is-Sindku nforma li fiż-żmien il-Kunsill kien offra li dawn jintużaw mil-għaqdiet tal-lokal biex jgħamlu użu minnhom. Il-kuntratt jiskadi f'Jannar u naraw jekk nistawx ngħamlu *sub-leasing* u l-kundizzjonijiet li jorbtu magħhom.

.

## 67.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

### 67.4.1 Numerar ta' bibien fi Triq Qalbiena Mostin

REF: 64.4.10 - Il-Kunsillier Deguara staqsa jekk il-Kunsill irċeviex risposta mingħand id-*door numbering unit* dwar in-numerar ta' bibien fi Triq Qalbiena Mostin. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li ntbgħatet *email,* fejn il-Kunsillier Deguara ġie kkupjat, imma għadna bla risposta.
Is-Sindku nforma li jdumu ħafna ma jwieġbu.

### 67.4.2 Tintinnabru

REF: 66.3.9 Il-Kunsillier Deguara staqsa kif bqajna fuq it-Tintinnabru. Is-Sindku nforma li kif jiġu approvati l-minuti ngħamlu talba lid-Direttur.

### 67.4.3 Siġra

REF: 66.4.3 Il-Kunsillier Deguara staqsa dwar is-siġra li qed tostakola l-bankina li tinstab fi triq Dawret il-Wied ma Triq il-Battaljun. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li kienet ntbgħatet ittra lis-sid tad-dar biex jiżbor is-siġra imma baqa' ma għamel xejn, u għalhekk il-Kunsill qabbad lil-kuntrattur biex jiżbor il-parti tas-siġra li taqa' fuq art pubblika.

### 67.4.4 Bankijiet fil-Pjazza

Il-Kunsillier Gauci irċieva suġġeriment minn resident/i biex jsir *maintenance* fil-bankijiet tal-Pjazza.

### 67.4.5 Roundabout ta' l-Iljun

Il-Kunsillier Gauci irċieva suġġeriment minn resident/i biex jinżraw xi ponsietta's għaż-żmien il-Milied.
Is-Sindku nforma li għal-dawn ix-xahrejn għanda kuntrattur ġdid, u mhux qed nippuxjaw fuq ix-xogħolijiet, peress li l-kuntrattur ta' qabel ma kienx qed jgħamel ix-xogħol meħtieġ, u saħansitra f'ċertu positijiet ma kien jgħamel xejn. Aparti min hekk ir-*roundabout* ta' l-iljun mhux ħa tibqa kif inhi imma ħa ssir funtana. Jekk sal-milied ma jkunux bdew ix-xogħolijiet nitolbu l-kuntrattur biex jiżra xi fjuri.

## 67.5 Rapporti

### 67.5.1 Update – Sejħa għall-post ta' Skrivan/a Skala 15

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li mil-lista tal-part 2 li ntbagħet ma applika ħadd. Informajna lil Jobs Plus biex jiggwidawna xi proċess imiss, u bgħatulna lista ta' applikanti llum, fejn dawn issa nistennew l-applikazzjoni tagħhom.

### 67.5.2 Ħarġa tal-Kunsill

Il-Kunsillier Degura nforma li l-ħarġa li jmiss ħa ssir fil-15 ta' Novembru ġewwa Fort Rinella.

### 67.5.3 Memorandumn of Understading -Xelter tal-Pjazza Rotunda

Is-Sindku nforma li l-MOU ġie ffinalizzat u l-verżjoni finali ġiet iċċirkulata mal-membri tal-Kunsill. Ma rċevejnhiex *feedback* mil-Kunsilliera u għalhekk ħa jiġi ffirmat malli l-Arċipriet jirritorna mis-safar.

### 67.5.4 Pubblikazzjoni tat-Tender KLMT05-2018 - Provision of Bulky Refuse Collection from the locality of Mosta in an Environmentally Friendly Manner

Is-Sindku nforma li dan it-tender ġie ppublikat.

### 67.5.5 Pubblikazzjoni tat-Tender KLMT06-2018 - Upkeep & Maintenance of Parks, Gardens, & Soft Areas using Environmentally Friendly Products and Practices.

Is-Sindku nforma li dan it-tender ġie ppublikat.

67.5.6 Pubblikazzjoni tat-Tender KLMT07-2018 - Professional services of a Contract Manager - Mosta Local Council.
Is-Sindku nforma li dan it-tender ġie ppublikat.

67.5.7 Pubblikazzjoni tat-Tender KLMT08-2018 - Replace of Existing lamps to LED Classic Style Luminaries -Mosta Local Council.
Is-Sindku nforma li dan it-tender ġie ppublikat.

67.5.8 Pubblikazzjoni tat-Tender KLMT09-2018 - Supply, Delivery and Installation of CCTV system in 4 different playing fields in Mosta.
Is-Sindku nforma li dan it-tender ġie ppublikat.

67.5.9 Evalwazzjonijiet ta' tenders
Is-Sindku nforma li ġew evalwati it-tenders ta' l-insurance, tal-Milied u tal-kenniesa.

67.5.10 Claims
Is-Sindku nforma li waqjna lura fuq il-*claims* peress li l-Kunsilliera Tua li tifforma parti mil-bord, ma setgħatx tattendi. Is-Sindku staqsa lil-Kunsilliera Micallef Costa biex jieħu post il-Kunsilliera Tua.
Is-Segretarju Eżekuttiv ħa tibgħat *final notice* lis-sinjura Tua, biex jekk ma tistax tgħati sehma, ħa tiġi *replaced* bħala membru fuq il-bord tal-*claims.*

67.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni

67.6.1 Skeda ta' pagamenti
Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill, l-iskeda ta' pagamenti numru 81.

Il-membri tal-Kunsill approva b'mod unanimu l-iskeda ta' pagamenti datata 9 ta' Ottubru 2018 sad-29 ta' Ottubru 2018.

67.6.2 Purchase Orders
Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill Il-lista tal-purchase orders.
Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

67.6.3 Works Orders
Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-works orders.
Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

67.6.4 Quarterly Report: Lulju – Settembru 2018
L-accountant Daniel Galea qara' l-*Quarterly Report*: Lulju – Settembru 2018.

- Statement of Income & Expenditure: Ir-rendikont min Jannar sa Settembru juri *surplus* ta' ftit iktar min 140,000 Ewro. Dan jikkumpara tajjeb mal-*budget* annwali, u qegħdin *in-line* ma dak li konna 'iproġġettajna.

- Statement of Financial Position: Qed nuru figuri sbieħ fejn l-FSI konna 'ibbuġetjajna li ħa tkun 15%, u sa Settembru qegħdin +35%, fejn wkoll għad jridu jidħlu kontijiet oħrajn, speċjalment mingħand il-kuntratturi l-kbar min-naħa tal-Perit, fejn dan bgħathom jumejn ilu meta' konna diġa lestejna r-rapport. U dawn l-ammonti mhumiex mdaħħlin f'dan ir-rapport.

  L-accountant u s-Segretarju Eżekuttiv nfurmaw lil-membri li tkelmu mal-Perit biex ma jħallhiex x-xhur biex jibgħat l-kontijiet. L-accountant nforma li sar *accrual,* imma mhux komdu bl-*accrual* li sar, għax dan ħa jaffetwa l-FSI ta' +35%.

- Allokazjoni: Din qegħda *in-line* mal-*budget.*

- Operations & Maintenance: 712,000 Ewro mqabbel ma 565,000 Ewro. L-ispejjes qegħdin hemm, u jekk naħdmu 75% ta' 712,000 niġu *in-line* ma l-ispiża li għandna bħalissa. Għalhekk l-ispejjes li ħa nirċievu ħa jaffetwaw l-ispejjes li hemm.

- Surplus: X'inhi r-raġuni li għandna *surplus*. L-ispiża rikkurenti qegħda *in-line* mal-*budget,* u dak li kellna s-sena l-oħra. Fis-snin li għaddew konna qed inħallsu ammonti sostanzjali fuq PPP u spejjes ta' *committments* kapitali, u għallhek din is-sena ma fadalx xi nħallsu. Spejjes ta' PPP li għad-fadal x'jitħallsu ma jaqbżux il-100,000 Ewro.

- Spejjes Amministrattivi: Kellna *budget* ta' 57,000 Ewro u s'issa fadal 35,000 Ewro.

- Depreciation: Kellna *depreciation* u għalhekk din tibqa tinbidel.

Fis-7:50pm daħal għal-laqgħa il-Kunsillier Tanti.

- Balance Sheet: Fl-aħħar tal-kwart kelna 800,000 Ewro il-bank, li minnhom jkun hemm ammonti li l-Kunsill jkun jrid jħallas. Spejjes ta' PPP li għad-fadal x'jitħallsu ma jaqbżux il-100,000 Ewro.

Il-membri preżenti unanimament approvaw l-*Quarterly Report*: Lulju – Settembru 2018.

Is-Sindku talab lil-*accountant* biex jiltaqaw ħalli jiġi pjanat l-*budget* għat-tlett snin li ġejjin hekk kif nirċievu l-allokazjoni ta' l-2019 mid-dipartiment.

## 66.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa intemmet fit-8:15 ta' filgħaxija, u ġiet aġġornata għad-19 ta' Novembru 2018 fis-7:30 p.m.

Konfermati llum 29 ta' Ottubru 2018.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| Keith Cassar | Lorraine Templeman |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |